# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **21 TA' OTTUBRU 2018**

**Il-Griżma tal-Isqof**

Illum is-Sibt u għada l-Ħadd ser niċċelebraw il-Griżma tal-Isqof. Is-Sibt il-Griżma tibda fl-4:30pm u l-Ħadd tibda fl-4:00pm. Illum is-Sibt ma jkunx hawn quddiesa fil-5.15pm. Ikun hawn tas-6.30pm u tat-8.00pm.

**Ġurnata Missjunarja**

Illum is-Sibt 20 u għada l-Ħadd 21 ta' Ottubru 2018 hija l-Ġurnata Missjunarja. Il-ġbir kollu li se jsir fil-knejjes tad-dinja Kattolika jmur biex il-Kelma ta' Alla tixxandar anke f'artijiet ġodda tal-missjoni. Nirringrazzjawkom tal-ġenerożità tagħkom.

**Adorazzjoni tal-Ħniena Divina**

It-Tnejn 22 ta' Ottubru 2018 wara l-quddiesa tas-6:30pm jkollna l-Adorazzjoni tal-Ħniena Divina.

**Tberik tal-Familji**

It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018 fl-4:30pm inkomplu bit-tberik tal-familji **fi Triq l-Għassies.**

***Coffee Morning***

Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018 fid-9.30am ser norganizzaw *Coffee Morning* fis-Sala Sant'Anna. Biljetti mis-Sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Kunsill Pastorali Parrokkjali**

Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018 fis-7:15pm jiltaqa' l-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.

**Kummissjoni Djakonija**

It-Tnejn 29 ta' Ottubru 2018 fl-4:00pm tiltaqa' l-Kummissjoni Djakonija fl-Uffiċċju Parrokkjali.

**Rużarju f'Ottubru**

Niftakru li matul dan ix-xahar ta' Ottubru, fis-5:55pm (qabel il-quddiesa tas-6:30pm), jitalab ir-Rużarju quddiem Ġesù Sagramentat. Nhar ta' Sibt jibda wara l-quddiesa tas-6:30pm u l-Ħadd jibda fil-5:25pm. Inħeġġukom sabiex bħala familja titolbu t-talba tar-Rużarju flimkien.

**Solennità tal-Qaddisin Kollha**
L-Erbgħa 31 ta' Ottubru 2018 flimkien mal-Appostli u d-Dixxipli Franġiskani se niċċelebraw il-Festa tal-Qaddisin Kollha. Fis-7:30pm nibdew b'quddiesa fis-Sala Sant'Anna u wara *party* u logħob għat-tfal flimkien mal-familja tagħhom. **Inħeġġu lit-tfal jiġu libsin tal-Qaddis favorit tagħhom!**

**Tifkira tal-Mejtin Kollha**
Il-Ġimgħa 2 ta' Novembru 2018 ser issir quddiesa fis-7:30pm sabiex noffruha għall-mejtin kollha li mietu matul din is-sena. Min jixtieq jista' jagħtina santa tal-għeżież mejtin li mietu matul din is-sena sabiex nagħmluha mal-*board* fil-knisja. Tistgħu tagħtuha lil xi ħadd minna s-saċerdoti sa nhar it-Tnejn 29 ta' Ottubru.

**Assemblea Parrokkjali 2018**
It-Tlieta 6 u l-Ġimgħa 9 ta' Novembru 2018 fil-Parroċċa tagħna għandna l-Assemblea Parrokkjali li hija avveniment importanti fil-ħajja tal-Parroċċa tagħna. Ejjew nieħdu sehem biex bħala familja waħda sabiex napprezzaw is-sabiħ tal-ħidma ta' xulxin u nirriflettu fuq dak li nixtiequ fil-Parroċċa tagħna. Nistednukom għall-quddiesa tas-6:00pm u wara ninżlu fis-Sala Sant'Anna għal ħin ta' kafe' u wara laqgħa bit-tema: "**Il-Parroċċa: Familja li tisma' u li timxi**" – Papa Franġisku. Nixtiequ narawkom matul il-jumejn tal-Assemblea Parrokkjali.

**Weekend Irtir għall-Adolexxenti u ż-Żgħażagħ**
Mill-Ġimgħa 16 sal-Ħadd 18 ta' Novembru 2018 qed jiġi organizzat weekend irtir għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ bl-isem 'Connect', ġewwa l-Marsaxlokk Activity Centre, bi tħejjija għall-Avvent. Min huwa interessat jista' jieħu karta ta' applikazzjoni mis-sagristija jew ikellem lil xi ħadd minna s-saċerdoti jew leaders ta' Youths Marsaskala.

**Kors ta' Kana bi tħejjija għaż-Żwieġ Nisrani**
Fil-Parroċċa tagħna l-Kors ta' Kana ser jibda il-Ġimgħa 18 ta' Jannar 2019. Niltaqgħu nhar ta' Ġimgħa fis-7:30pm fis-Sala Sant'Anna bejn Jannar u Marzu. L-għarajjes interessati għandhom japplikaw billi iċċemplu l-Uffiċċju Parrokkjali (21636704 waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju parrokkjali) jew jinkitbu fis-sagristija.

**Bazaar**
Fis-Sala San Ġwakkin qed jitella' l-Bazaar tal-Parroċċa. Inħeġġigkom sabiex tagħtu titwila u b'hekk tkunu qed tgħinu lill-Parroċċa.

**Uffiċċju Parrokkjali Ġdid**

L-Uffiċċju Parrokkjali qed jiftaħ fi Triq San Ġorġ, mal-baħar, fejn kien fl-antik. Il-ħinijiet tal-uffiċċju baqgħu l-istess, nhar ta' Tnejn, Erbgħa u Ġimgħa bejn l-4.30pm u l-5.30pm.

**Mill-Kunsill Lokali**

Dawk kollha li nkitbu mal-Kunsill Lokali sabiex jieħdu t-tilqima tal-influwenza ninfurmawhom li ser tibda tingħata fl-uffiċini tal-Kunsill bejn it-Tnejn 29 ta' Ottubru u l-Ġimgħa 2 ta' Novembru 2018 mit-8:00am sa 12:00pm.